Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2006

Numru 215/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Michael Zahra**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Michael Zahra 34 sena bin Alfred u Mary nee' Spiteri mwieled fil-Pieta' fit-22 ta' Settembru 1971 u li joqghod Bieb 1 Flat 6 Triq San Gwann il-Kavallier Valletta. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 440071(m) gie akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda u cioe':

Fit-2 ta' Marzu, 2006 ghall-habta tat-3.00 ta' wara nofsinhar fi Triq Dun Gorg Preca Hamrun kkommetta serq ta' stereo tal-marka 'Pioneer' minn vettura tal-ghamla Volkswagen Polo griz bin-numru tar-registrazzjoni RUD001 ghad-dannu ta' Charles Muscat minn San Gwann, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Charles Muscat, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma tiskorrix-il hames mitt lira Maltin (Lm500).

Talli fit-30 ta' Dicembru, 2005 ghall-habta tal-11.45 ta' filghodu fi Triq Triq Zammit Clapp Pieta', bil-hsieb li jisraq stereo tal-marka 'Pioneer' minn vettura tal-ghamla Kia Picanto bin-numru tar-registrazzjoni KAK645, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Fit-2 ta' marzu, 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, zamm u garr fuqu sikkina b'xafra u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess dati u cirkostanzi, kiser il-kundizzjonijiet tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tal-ligijiet ta' Malta li gew imposti fuqu b'sentenza datata 14 ta' Ottubru, 2004 mghotija mill-Magistrat Dott. J. Padovani Grima LL.D.

U finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok MBC 1.

Innutat li l-imputat, wara li gie mistoqsi jekk ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja, u wara li nghata zmien xieraq biex jirrispondi, iddikjara li m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat ukoll li fis-Seduta ta’ llum l-imputat Michael Zahra iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Michael Zahra bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjali Prosekuturi iddikjaraw li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 261(b), (c) u (g), 263, 267, 271(g), 278(2), 280(1), 281(a), 289(1) u 325(b) tal-Kap. 9,  l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Michael Zahra, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha l-wahda il-fedina penali xejn felici tal-imputat u minn naha l-ohra l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u li l-Ufficcjali Prosekuturi iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta tallum, li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tikkundanna lill-imputat Michael Zahra ghall-piena komplessiva ta’ tlett (3) snin u sitt (6) xhur prigunerija u hamsin Liri Maltin (Lm50) multa.

Finalment il-Qorti tordna li ghandu jitnaqqas mill-piena karcerarja moghtija lill-istess imputat b'din is-Sentenza kull zmien li l-imputat ghadda taht arrest preventiv rigwardanti dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------